

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/682

tad-9 ta' April 2019

**li tawtorizza lill-Istati Membri biex jirratifikaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, il-Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Protezzjoni tal-Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' *Data Personali***

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 16, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a)(v), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Fis-6 ta' Ġunju 2013, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tipparteċipa fisem l-Unjoni fin-negozjati dwar il-modernizzazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar awtomatiku ta' *data* personali (ETS Nru 108) (il-"Konvenzjoni 108") u l-kondizzjonijiet u l-modalitajiet tal-aċċessjoni tal-Unjoni għall-Konvenzjoni 108 emendata.
- (2) Il-Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni 108 (il-"Protokoll emendatorju") ġie adottat mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa fit-18 ta' Mejju 2018.
- (3) Il-Protokoll emendatorju għandu l-għan li jwessa' l-ambitu, iżid il-livell u jsaħħaħ l-effettività tal-protezzjoni tad-*data* mogħtija taħt il-Konvenzjoni 108.
- (4) Id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni 108 emendata jkopru kemm attivitajiet li jaqgħu fl-ambitu tal-liġi tal-Unjoni kif ukoll attivitajiet barra mill-ambitu tagħha, bħal fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża nazzjonali.
- (5) Id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni 108 emendata, sa fejn japplikaw għall-ipproċessar ta' *data* personali fil-kuntest ta' attivitajiet li jaqgħu fl-ambitu tal-liġi tal-Unjoni, jistgħu jaffettwaw regoli komuni jew ibiddu l-ambitu tagħhom fis-sens tal-Artikolu 3(2) tat-Trattat, billi dawn id-dispożizzjonijiet huma bbażati fuq l-istess prinċipji li jinsabu fir-Regolament (UE) 2016/679 <sup>(1)</sup> u fid-Direttiva (UE) 2016/680 <sup>(2)</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
- (6) Ladarba l-Konvenzjoni 108 emendata se tinkludi salvagwardji bbażati fuq l-istess prinċipji li jinsabu fir-Regolament (UE) 2016/679 u fid-Direttiva (UE) 2016/680, id-dħul fis-seħħ tagħha se jikkontribwixxi għall-promozzjoni ta' standards tal-Unjoni ta' protezzjoni tad-*data* fil-livell globali, jiffaċilita l-flussi ta' *data* bejn l-Unjoni u Partijiet għall-Konvenzjoni 108 li mhumiex fl-Unjoni, jiżgura l-konformità minn Stati Membri mal-obbligi internazzjonali tagħhom taħt il-Konvenzjoni 108 u jippermetti l-aċċessjoni futura tal-Unjoni għall-Konvenzjoni 108.
- (7) L-Unjoni ma tistax tiffirma jew tirratifika l-Protokoll emendatorju, billi taħt il-Konvenzjoni 108, Stati biss ikunu Partijiet.
- (8) Għalhekk l-Istati Membri għandhom ikunu awtorizzati jfirmaw il-Protokoll emendatorju, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt fl-interessi tal-Unjoni, sa fejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jaqgħu fil-kompetenza esklussiva tal-Unjoni,

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

<sup>(2)</sup> Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Istati Membri huma b'dan awtorizzati jirratifikaw, fl-interess tal-Unjoni, il-Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Protezzjoni tal-Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' *Data* Personali (ETS Nru 108) sa fejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jaqgħu fil-kompetenza esklussiva tal-Unjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fil-Lussemburgu, id-9 ta' April 2019.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

G. CIAMBA

---